**FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI**

# Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018

**Importanti li qabel ma' timtela' l-applikazzjoni, jinqraw sew il-Linji Gwida.**

**N.B. Għal din il-kompetizzjoni huma eliġibbli dawk l-organizzazzjonijiet (ara Linji Gwida 1.2.1) li għandhom inizjattiva eżistenti jew riċenti (Inizjattiva Prinċipali - ara Linji Gwida 1.1.1 u 1.1.4) u li għandhom inizjattiva oħra li qed jippjanaw li tkun lesta sal-aħħar tal-2018 jew b'parti sostanzjali minnha implimentata sal-aħħar tal-2018 (Inizjattiva Sekondarja - ara Linji Gwida 1.1.1 u 1.3).**

## Taqsima A: Informazzjoni Ġenerali

### 1. Dettalji tal-applikant

| | |
|---|---|
| **Isem tal-organizzazzjoni parteċipanti** | |
| **Sezzjoni li qed tikkompeti fiha (ara Linji Gwida 1.2.1.)** | Sezzjoni A ☐ *(Kunsilli Lokali)*<br>Sezzjoni B* ☐ *(eż. Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet u Entitajiet Pubbliċi, Sħubiji Pubbliċi-Privati)*<br>Sezzjoni Ċ ☐ *(eż. Skejjel Pubbliċi u tal-Knisja, Organizazzjonijiet tan-Negozju, Organizazzjonijiet mhux Governattivi, Istituzzjonijiet Edukattivi Pubbliċi, L-Università ta' Malta, Trejd Unions u Assoċjazzjonijiet tal-Professjonisti)* |
| **Indirizz postali** | |
| **L-indirizz tal-imejl tal-organizzazzjoni** | |
| **Indirizz tal-websajt** | |
| **Telefown** | |
| **Persuna ta' kuntatt (isem u titlu)** | |
| **Numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt** | |
| **L-indirizz tal-imejl tal-persuna ta' kuntatt** | |

** F'Sezzjoni B ir-rebbieħ/a, min jiġi fit-tieni post u f'każ li jingħata wkoll premju ta' konsolazzjoni, ser jingħataw il-flus bil-patt u l-kundizzjoni li dawn jingħataw għall-karita' lil għaqda rikonoxxuta tal-għażla tagħhom. Din il-kundizzjoni ma tgħoddx għal min jieħu sehem f'Sezzjoni A u Sezzjoni Ċ.*

## Taqsima B: L-Inizjattiva Principali li qed tiddaħħal għall-Kompetizzjoni

***Is-sottomissjonijiet għandhom jirreferu għal inizjattivi eżistenti jew riċenti (li ma jkunux intemmu qabel l-2014) li kellhom influwenza fuq bażi lokali/ nazzjonali u li kellhom evoluzzjoni inkrimentali fuq perjodu ta' mill-inqas sentejn. Għal din l-inizjattiva hemm allokati 60% tal-punteġġ.***

1. **Jekk jogħġbok immarka l-kategorija li inti tixtieq li l-inizjattiva tiegħek tiġi kkunsidrata fiha.**
   (***Nota***: *tista' tapplika għal kategorija waħda biss; il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li jibdel il-kategorija jekk iqis li dan huwa neċessarju)*

☐ **(1) Promozzjoni tal-Ispirtu Intraprenditorjali**

(Jirrikonoxxi inizjattivi fuq livell nazzjonali jew lokali li jippromwovu mentalità intraprenditorjali speċjalment fost iż-żgħażagħ u n-nisa. *Eżempji: Avvenimenti u kampanji li jippromwovu l-immaġni tal-intraprenditorija u l-intraprendituri u kultura li tinkoraġġixxi l-kreattività, l-innovazzjoni u l-aċċettazzjoni tar-riskji*).

☐ **(2) Investiment fil-Ħiliet Intraprenditorjali**

(Jirrikonoxxi inizjattivi fuq livell nazzjonali jew lokali sabiex jitjiebu l-ħiliet intraprenditorjali u maniġerjali. *Eżempji: Promozzjoni ta' ħiliet speċifiċi bħall-ħiliet tekniċi meħtieġa fis-settur tas-snajja', kapaċitajiet lingwistiċi, litteriżmu diġitali, skemi ta' mobbiltà u gwida għall-intraprendituri, edukazzjoni dwar l-intraprenditorija fl-iskejjel u l-universitajiet).*

☐ **(3) Titjib tal-Ambjent Kummerċjali**

(Jirrikonoxxi politiki innovattivi fuq livell nazzjonali jew lokali li jippromwovu l-ftuħ u t-tkabbir ta' intrapriża, li jissimplifikaw proċeduri leġiżlattivi u amministrattivi għan-negozji kif ukoll li jimplimentaw il-prinċipju ta' 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' (Think Small First) favur l-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju. *Eżempji: Miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq tal-akkwisti pubbliċi għall-SMEs, li jnaqqsu l-burokrazija żejda, li jgħinu lil negozji żgħar fil-bidu tagħhom, li jgħinu fil-promozzjoni tal-potenzjal tal-innovazzjoni fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-e-business).*

☐ **(4) Appoġġ għall-Internazzjonalizazzjoni tan-Negozju**

(Jirrikonoxxi politiki u inizjattivi fil-livell nazzjonali jew lokali li jinkoraġġixxu intrapriżi u b'mod partikolari dawk ta' daqs żgħir u medju sabiex jibbenefikaw aktar mill-opportunitajiet offruti mis-swieq kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. *Eżempji: Proġetti li jibnu, imantnu u jappoġġjaw kooperazzjoni kummerċjali internazzjonali, informazzjoni jew għodod ta' tlaqqigħ, servizzi jew skemi ta' appoġġ li jgħinu lil SMEs joħorġu barra mill-pajjiż).*

☐ **(5) Appoġġ tal-Iżvilupp tas-Swieq Ħodor u Effiċjenza tar-Riżorsi**

(Dan jirrikonoxxi għarfien ta' politiki u inizjattivi fil-livell nazzjonali jew lokali li jappoġġjaw aċċess ta' SME għal swieq ħodor u jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, permezz, per eżempju, ta' żvilupp ta' ħiliet ħodor u tlaqqigħ kif ukoll finanzjament. *Is-swieq ħodor huma dawk li jtejbu l-ħajja tal-bniedem u l-ekwita soċjali, filwaqt li b'mod sinifikanti jnaqqsu ir-riskju ambjentali u skarsezzi ekoloġiċi*).

☐ **(6) Intraprenditorija Responsabbli u Inklussiva**

(Jirrikonoxxi inizjattivi nazzjonali u lokali minn awtoritajiet jew sħubiji pubbliċi/privati li jippromwovu r-responsabbiltà soċjali fost intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-kategorija ser tirrikonoxxi wkoll sforzi għall-promozzjoni ta' intraprenditorija fost gruppi żvantaġġati bħal persuni qiegħda (speċjalment dawk li ilhom ħafna bla xogħol), immigranti legali, persuni b'diżabbiltà jew persuni minn minoranzi etniċi. *Eżempji: Intrapriżi soċjali jew volontarji li jservu l-ħtiġijiet tas-soċjetà permezz tal-intraprenditorija).*

### 2. Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor l-organizzazzjoni tiegħek u x'tagħmel.

*(Massimu ta' 100 kelma)*

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

## Taqsima Ċ: Informazzjoni dwar l-Inizjattiva Prinċipali

Din it-taqsima titratta dwar l-inizjattiva, kif qed tiġi/ġiet implimentata u l-benefiċċji tagħha.

### 1. Dettalji tal-inizjattiva

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Isem tal-inizjattiva** | | | | |
| **Jekk applikabbli, elenka l-organizzazzjonijiet kollha tas-settur pubbliku u privat involuti fl-inizjattiva.**<br><br>**Fil-każ ta' arranġament ta' sħubija pubblika u privata huwa:** | | | | |
| – **Ftehim finanzjarju?** | **Iva** | | **Le** | |
| – **Ftehim formali?** | **Iva** | | **Le** | |
| – **Appoġġ espliċitu?** | **Iva** | | **Le** | |

<table>
<tr><td>Iddeskrivi d-dettalji tal-ftehim ta' sħubija</td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>Kemm iddum l-inizjattiva<br>(minimu ta' sentejn)<br>- F'liema data bdiet l-inizjattiva?<br>- F'liema data spiċċat l-inizjattiva?<br>(Nota: Huwa possibbli li l-inizjattiva tkun għadha għaddejja, allura f'dak il-każ mhux possibbli li tgħid f'liema data spiċċat)</td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>X'kien il-baġit globali investit f'din l-inizjattiva?<br>Issepara u elenka kwalunkwe investiment reċiproku jew ta' riżorsa umana</td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td rowspan="3">Irċevejt finanzjament mill-Unjoni Ewropea?</td><td>Iva</td><td></td><td>Le</td><td></td></tr>
<tr><td>Jekk iva, kemm?</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>X'tip?</td><td colspan="3"></td></tr>
</table>

## 2. Deskrizzjoni tal-inizjattiva

Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-inizjattiva, billi tindirizza dawn il-punti ewlenin: analiżi tas-sitwazzjoni; sfidi; soluzzjoni kreattiva/strateġija tan-negozju; implimentazzjoni; involviment tal-partijiet interessati, pjan ta' implimentazzjoni fil-futur.
*Massimu ta' 1,000 kelma (madwar 2 paġni)*

## 3. Riżultati tal-inizjattiva

Ipprovdi fatti u figuri dettaljati dwar l-inizjattiva. Dawn ir-riżultati għandhom juru li l-inizjattiva ilha teżisti mill-inqas sentejn. Għandhom jinkludu kwalunkwe eżitu li jitkejjel u dejta ta' statistika u dejta komparattiva.
*Massimu ta' 1,000 kelma (madwar 2 paġni)*

## 4. Materjal mhemuż u/jew links elettroniċi (mhux obbligatorju)

Tista' tinkludi links u/jew materjal viżiv u/jew awdjoviżiv li jippromwovi l-inizjattiva tiegħek. Dan il-materjal għandu jgħin lill-Kumitat ta' Selezzjoni biex jifhem il-parteċipazzjoni tiegħek u jista' jintuża għall-finijiet promozzjonali.

## Taqsima D: l-Inizjattiva Sekondarja li qed tippjana li tkun lesta sal-aħħar tal-2018 jew li jkollha parti sostanzjali minnha implimentata sal-aħħar tal-2018.

***Għal din l-inizjattiva hemm allokati 60% tal-punteġġ.***

### 1. Agħti dettalji tal-inizjattiva

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

### *2.* Għid kif l-inizjattiva hi mistennija li torbot ma' xi waħda jew aktar mit-temi imsemmija hawn isfel jew ma' temi oħra speċifiċi bħall-intraprenditorija ma' u fl-iskejjel, l-involviment tal-komunità kollha, in-nisa u l-intraprenditorija, l-intraprenditorija u l-ambjent jew it-turiżmu, l-intraprenditorija soċjali u ma' gruppi ta' nies soċjalment esklużi kif ukoll proġetti li għandhom l-għan li jippromwovu skemi tal-Gvern favur l-intraprenditorija:

- *turi rikonoxximent tal-eċċellenza fl-intraprenditorija*
- *tkun ta' sapport lill-intraprenditorija*
- *tkun mezz ta' ispirazzjoni għal oħrajn*
- *turi sehem l-intraprenditur fis-soċjetà*
- *tkun sors ta' ispirazzjoni għall-intraprendituri ġodda*

| |
|---|
| |
| |

| |
|---|
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |
| |

## Taqsima E: Ftehim mal-Applikant

*Bħala rappreżentant(a)(i) legali taż-żewġ inizjattivi, jiena/aħna naqbel/naqblu li l-inizjattivi jistgħu jiġu sottomessi sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni "Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018" u f'każ li tkun waħda mir-rebbieħa l-Inizjattiva Prinċipali ppreżentata tista' tiġi kkunsidrata wkoll biex tirrappreżenta lil Malta fil-"Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018". Jiena/aħna niddikjaraw li l-materjal sottomess fl-applikazzjoni huwa riflessjoni vera u korretta taż-żewġ inizjattivi.*

| | |
|---|---|
| **Isem (Ismijiet) tar-Rappreżentant(a)(i) Legali** | |
| **Titlu/Kariga** | |
| **Isem tal-organizzazzjoni rikonoxxuta għal karità li f'każ ta' rebħ tibbenifika mill-premju *(applikabbli biss għal Sezzjoni B)*** | |
| **Data** | |
| **Firma (Firem)** | |

# Taqsima F: Dettalji ta' Kuntatt u Informazzjoni

**Jekk jogħġbok ibgħat l-applikazzjoni mimlija u ffirmata lil:**

Kumitat ta' Selezzjoni *(Attn: Noel Bartolo)*
Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018
Dipartiment tal-Kummerċ
Lascaris Bastions, Daħlet Ġnien is-Sultan
Valletta VLT 1933
Malta
*jew*
Imejl – nesa.commerce@gov.mt
*(**Nota:** L-Applikazzjonijiet iridu jaslu għand id-Dipartiment tal-Kummerċ sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 27 ta' April 2018 sa nofsinhar**).*

**Regoli/Informazzjoni relatati mal-applikazzjoni**

- Meta tipparteċipa fil-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018, inti taqbel u tintrabat li f'każ li s-sottomissjoni tiegħek tiġi nnominata, inti ser taċċetta li tirrappreżenta lill-Malta fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2018 li se jsir fi Graz, l-Awstija fl-20 ta' Novembru 2018.
- Dawk li huma eliġibbli jinkludu kunsilli lokali, ministeri, dipartimenti, awtoritajiet u entitajiet pubbliċi, sħubiji pubbliċi-privati, għaqdiet mhux governattivi, trejd unjins, assoċjazzjonijiet professjonali, skejjel pubbliċi u tal-knisja, istituzzjonijiet edukattivi pubbliċi, l-Università ta' Malta u organizzazzjonijiet tan-negozju.
- Nominazzjonijiet ta' inizjattivi Maltin flimkien ma xi pajjiż/i ieħor/oħra ser jiġu aċċettati sakemm jiġu nnominati b'mod konġunt mill-pajjiżi kollha involuti.
- L-applikazzjonijiet se jiġu evalwati skont il-kriterji li ġejjin (ara Linji Gwida 1.2.3 għal marki):
  1. Oriġinalità u fattibbiltà: Għaliex l-inizjattiva hija ta' suċċess? Liema huma l-aspetti innovattivi tagħha?
  2. Impatt fuq l-ekonomija lokali: Għoti ta' figuri biex jiġu ssostanzjati l-pretensjonijiet ta' suċċess
  3. Titjib tar-relazzjonijiet tal-partijiet interessati lokali: Iktar minn parti interessata waħda gawdiet mill-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva? Għaliex kienu involuti u x'kien il-livell tal-parteċipazzjoni tagħhom?
  4. Transferibbiltà: L-approċċ jista' jiġi rripetut f'postijiet oħra madwar l-Ewropa?

*N.B. L-Inizjattiva Sekondarja li qed tiġi ippjanata li tkun lesta sal-aħħar tal-2018 jew b'parti sostanzjali minnha implimentata sal-aħħar tal-2018 (imsemmija f'Taqsima D tal-applikazzjoni) tkun ukoll evalwata skont il-kriterji hawn fuq imsemmija.*

- Ma hemm ebda ħlas għall-parteċipazzjoni.
- Għal informazzjoni dwar il-fond ta' premjijiet ara Linji Gwida 1.1.4.
- Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-formoli tal-applikazzjoni: **il-Ġimgħa 27 ta' April 2018 (sa nofsinhar).**
  *(**Nota**: Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jintbagħtu elettronikament, jinġiebu personalment jew bil-posta lill-Kumitat ta' Selezzjoni kif imsemmi aktar 'il fuq).*